MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1223/2010

Dott. Simon **GALEA TESTAFERRATA** għan-nom u in rappreżentanza ta' Andrew Barstow u martu Amanda Barstow, assenti minn Malta

vs

**ACORN PROPERTIES LIMITED**(C-37361)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-25 ta' Novembru, 2010, li bih ir-rikorrent *nomine*, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab (a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib li l-kumpannija ntimata hija debetriċi tiegħu *nomine* fis-somma ta' mija u sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro

(€146,500) li tirrappreżenta s-somma mħallsa mill-atturi akkont tal-prezz miftiehem f'att ta' konvenju tal-14 ta' Diċembru, 2009, dwar villa bla numru u bla isem fi Triq in-Nixxiegħa, Santa Maria Estate, fil-Mellieħa; u (ċ) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka biex iħallsu l-imsemmija somma ta' mija u sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€146,500) kif fuq ingħad;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija ntimata li deħret meta ssejħet il-kawża permezz ta' rappreżentant tagħha Joseph Farrugia, mgħejjun minn Avukat;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' ntimata, u lill-attur *nomine*;

Billi b'degriet mogħti waqt is-smigħ tal-lum, hija qieset li l-kumpannija ntimata ma tathiex raġuni tajba biex tħalliha tikkontesta l-kawża;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi;

1) **Tilqa' t-tielet talba tal-attur *nomine*** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija ntimata hija debitriċi tal-attur *nomine* fis-somma ta' mija u sitta u sebgħin elf u ħames mitt ewro (€146,500);

3) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka biex tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' €146,500 rappreżentanti somma mħallsa mill-atturi akkont tal-prezz tal-immobbli fuq imsemmi fl-okkażżjoni tal-att ta' konvenju tal-14 ta' Diċembru, 2009, kif fuq ingħad flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum, sal jum tal-ħlas effettiv;

4) **Tikkundanna** lis-soċjeta' mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------